# IL-KWADRU TITULARI TA' SANTA MARGERITA TA' SANNAT MATUL IS-SNIN

*Kitba u ritratti ta' Dun Joe Calleja*



Id-devozzjoni lejn Santa Margerita fir-raħal ta' Sannat tmur lura għal ħafna snin. Ma nafux eżatt meta nbniet l-ewwel kappella ddedikata lilha. X'aktarx li l-kappella nbniet mill-familja De Bordino fit-tieni nofs tas-seklu 14 jew fil-bidu tas-seklu 15. Din il-familja kienet tgħix fl-inħawi tar-raħal ta' Sannat u familjari oħrajn jgħixu ġewwa Malta. Fost il-membri ta' din il-familja minn ta' Sannat kien hemm it-tliet aħwa Saċerdoti: Don Enrico, Don Ruggiero u Don Nikol.[1] Jidher li din il-familja kellha rabta partikulari mal-qaddisa tagħna Santa Margerita. Is-Saċerdot Don Ruggiero kien bena l-kappella ta' Santa Margerita ġewwa Burmarrad Malta.[2] Fil-knisja parrokkjali ta' Birkirkara fejn kien hemm is-Saċerdot Don Enrico De Bordino li kien in-neputi tat-tliet aħwa saċerdoti u t-tielet kappillan tal-parroċċa ta' Birkirkara nsibu wkoll devozzjoni lejn Santa Margerita.[3] L-istess ħaġa fil-katakombi ta' Santa Agata ġewwa r-Rabat. Fost ix-xbihat affreskati fuq il-ħitan ta' dawn il-katakombi hemm ix xbieha ta' Santa Margerita u hemm ukoll l-istemma ta' din il-familja.

Mingħajr dubju l-ewwel xbieha ta' Santa Margerita li kien hemm fl-ewwel kappella kienet xbieha affreskata jiġifieri mpittra fuq il-ħajt. Din setgħet spiċċat maż-żmien jew ġiet moħbija fl-iżviluppi li jsiru mas-snin.

It-tieni xbieha:

Fl-20 ta' Mejju 1608 waqt li kien qed jagħmel ir-raba' viżta pastorali tiegħu, l-Isqof Tumas Gargallo żar il-kappella ta' Santa Margerita. Jidher li kienet miżmuma tajjeb ħafna. F'din il-viżta tissemma għall-ewwel darba pittura ta' Santa Margerita mpittra fuq it-tila.[4] Din il-pittura setgħet saret fis-snin qabel din il-viżta. Fil-viżta nsibu wkoll deskrizzjoni tal-altar tagħha li tgħid li l-altar kien tal-ġebel u dekoruż ħafna. Kien armat b'żewġ dvalji u quddiemu kellu vintaltar. F'dan iż-żmien il-Prokuratur tal-kappella kien ċertu Wistin Dalli. Il-viżta pastorali tal-1615 tkompli tagħtina tagħrif ieħor fuq dan il-kwadru titular u tiddeskrivi l-pittura bħala "manu periti pictoris".[5] Dan ifisser li l-pittura ma kinitx xi waħda provinċjali jew ta' xi dilettant imma magħmula minn xi artist tajjeb li ismu ma jissemmiex.




It-tielet xbieha:

Il-viżta pastorali tas-sena 1630 magħmula mill-Isqof Baldassare Cagliares tagħtina ħafna dettalji dwar il-kappella ta' Santa Margerita. Il-Prokuratur tal-kappella kien ċertu Ġulju Frendo. Dan kien sar prokuratur fl-1621. Bejn is-sena 1621 u 1630 dan il-prokuratur kien ordna kwadru ġdid ta' Santa Margerita. Dan il-kwadru jissemma fil-viżta tal-1630 għalkemm m'għandniex kummenti jew deskrizzjoni tiegħu imma jingħad biss li kien sar kwadru ġdid.[6] Il-kappella ta' Santa Margerita kif jidher mill-viżti pastorali kienet nistgħu ngħidu miżmuma tajjeb minkejja li fil-viżti kienu jingħataw ordnijiet biex isiru affarijiet żgħar, bħal xi tiswija żgħira. Dan il-kwadru baqa' mdendel fis-sagristija żgur sas-sena 1776 meta Patri Pelaġju li kiteb ukoll l-Istorja t'Għawdex lejn is-sena 1776 jikteb li fis-sagristija kien għad hemm il-kwadru titulari l-qadim.

Ir-raba' kwadru titulari:

Mill-viżti pastorali jidher li sas-sena 1673 l-isqfijiet kienu ordnaw

biex jitpitter kwadru ġdid. Fil-25 ta' Novembru 1678 żar il-kappella l-Isqof Mikiel Molina. F'din il-viżta għandna indikazzjoni li kien għadu kif sar kwadru ġdid il-ġmiel tiegħu. Dan ifisser li l-kwadru sar bejn is-sena 1673 – 1678. L-Isqof Molina għalkemm ma jgħidx min pitter dan il-kwadru jiddeskrivih bħala "eleganter depicta" u jgħid ukoll kemm il-kappella kienet miżmuma fi stat tajjeb.[7] F'dan iż-żmien kien jieħu ħsieb il-kappella ċertu Dun Pawl Madiona li kien il-prokuratur tal-knejjes tal-kampanja.




Dan il-kwadru li qed insemmu issa, mhux għajr il-kwadru titulari li għandna preżenti bħalissa fil-knisja minkejja li maż-żmien kien ġie mkabbar xi ftit biex jiġi adattat għall-bini tal-knisja l-ġdida. Għalkemm mhux iffirmat jew ma jissemmmiex f'xi viżta pastorali, minn studji analitiċi u komparattivi, illum nafu li dan il-kwadru tpitter minn Stefano Erardi (1630 – 1716). Dan il-pittur twieled il-Belt Valletta u kien iben familja sinjura li oriġinat minn Franza. Probabbilment għadda xi żmien l-Italja jistudja u fl-istil tiegħu nistgħu nqisuh bħala Mannerista għalkemm kultant influwenza xi ftit ruħu minn Preti li fl-istess żmien kien qed ipitter f'Malta.[8] Hu meqjus artist ta' kalibru kbir u fost l-artisti kollha Maltin huwa l-uniku wieħed li ħadem fil-Konkatidral ta' San Ġwann.

Agius De Soldanis li kiteb l-Istorja t'Għawdex lejn is sena 1746 għalkemm ma jsemmix min kien l-awtur tal-kwadru jidher li kellu ħjiel ta' min kien u jiddeskrivi l-kwadru "dipinto da egregio pennello".[9]

Il-kwadru titular kif inhu llum hu 287 ċm għoli u wiesa' 208 ċm. Jirrappreżenta lil Santa Margerita li tidher bħala figura monumetali tħaddan is-salib u l-palma tal-martirju. Il-figura ċentrali tidher li hi influwenzata minn xi kwadru ieħor x'aktarx ta' xi awtur Franċiż, għaliex din ix-xbieha hija komuni fi Franza anke llum. Dan ikompli juri r-rabtiet li l-familja tiegħu kellha ma' Franza. Oriġinali u sabiħa ferm ix-xena tal-pajsaġġ fil-fond tal-pittura fejn naraw għoljiet, siġar u xena ta' wied mimli bil-qasab qisha xena tipikament ta' pajsaġġ Għawdxi. Ir-rovini ta' kolonna Rumana turi r-rebħa fuq il-paganiżmu u dragun kbir simbolu tal-ħażen.

Lejn l-aħħar snin tas-seklu 18, il-kwadru titulari ġie mkabbar biex jiġi adattat max-xogħol li kien sar fil-kor fis-snin ta' qabel. Dan ix-xogħol sar minn Rokku Buhagiar (1723-1805) li żied il-parti ta' fuq tal-kwadru fejn pitter anġlu li f'idejh qed iżomm il-kuruna tal-martirju u xi anġli oħra żgħar. Lejn is-sena 1865 meta fil-knisja kienu qed jitpittru l-kwadri tal-altari u tal-kappelluni, il-kwadru titulari kien ġie restawrat minn Giuseppe Calleja. L-aħħar restawr fuq il-kwadru sar fis-sena 2000 minn Manwel Zammit.

---

1. A.K.M. (Arkivju Katidral tal-Imdina) Misc. Nru 32A, f.4
2. Bezzina John,"Il-Knejjes Parrokkjali ta' Għawdex u l-festi tagħhom", p. 166
3. A.Ferris "Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo" p.319
4. A.E.G (Arkivju Episkopali Għawdex) Viżta Pastorali 1608, 13r
5. Ibid., Viżta Pastorali 1615, 41v
6. Ibid.,Viżta Pastorali 1630, 40r (F'din il-viżta pastorali għandna deskrizzjoni dettaljata tal-kappella ta' Santa Margerita qabel it-twaqqif tal-parroċċa)
7. Ibid.,Viżta Pastorali 1678, 86v
8. Theuma Ġużeppi. Stefano Erardi, f' "L-Arti fil-Knejjes minn Mitt Pittur Malti" Malta 2006,p.135
9. N.L.M. (Librerija Nazzjonali Malta) Libr, 145A.p268.